# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/334/PESK

## tal-25 ta' Ġunju 2012

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fil-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

(2) Fit-18 ta' Marzu 2012, il-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, emenda l-lista tal-individwi, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK huwa b'dan emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57.

*ANNESS*

L-entrati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għall-persuni msemmija hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati kif imniżżlin hawn taħt.

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

1. **Shams Ur-Rahman Abdul Zahir** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Shamsurrahman **(b)** Shams-u-Rahman **(c)** Shamsurrahman Abdurahman, **(d)** Shams ur-Rahman Sher Alam).

   **Titlu:** (a) Mullah (b) Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: 1969. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Waka Uzbin, Distrett ta' Sarobi, Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** **(a)** 2132370 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **(b)** 812673 (karta ta' identifikazzjoni nazzjonali Afgana (tazkira)). **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (b) Involut fit-traffikar tad-drogi, (c) Jappartjeni għat-tribù Ghilzai. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

   **Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

   F'Ġunju 2007, Shams ur-Rahman Sher Alam kien il-membru Taliban responsabbli mill-provinċja ta' Kabul. Huwa kien responsabbli mill-operazzjonijiet militari tat-Taliban f'Kabul u fil-madwar tiegħu u kien involut f'ħafna attakki.

2. **Ubaidullah Akhund Yar Mohammed Akhund** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Obaidullah Akhund, **(b)** Obaid Ullah Akhund).

   **Titlu:** (a) Mullah, (b) Hadji, (c) Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tad-Difiża taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** (a) Bejn wieħed u ieħor 1964, (b) 1969. **Post tat-twelid:** **(a)** Raħal ta' Sangisar, Distrett ta' Panjwai, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (c) Żona ta' Nalgham, Distrett ta' Zheray, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Kien wieħed mill-viċi ta' Mullah Mohammed Omar, **(b)** Kien membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban, inkarigat minn operazzjonijiet militari, **(c)** Arrestat fl-2007 u miżmum taħt kustodja fil-Pakistan, **(d)** Allegatament miet f'Marzu 2010, **(e)** Rabta permezz ta' żwieġ ma' Saleh Mohammad Kakar Akhtar Muhammad, **(e)** Jappartjeni għat-tribù Alokozai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

   **Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

   Ubaidullah Akhund kien viċi ta' Mohammed Omar u membru tat-tmexxija tat-Taliban inkarigat minn operazzjonijiet militari.

3. **Mohammad Jawad Waziri.**

   **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Dipartiment tan-NU, Ministeru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor 1975. Post tat-twelid: **(a)** Disrett ta' Jaghatu, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan, **(b)** Distrett ta' Sharana, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. (b) Jappartjeni għat-tribù Wazir. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

4. **Nazir Mohammad Abdul Basir** (*magħruf ukoll bħala* Nazar Mohammad)

   **Titlu:** **(a)** Maulavi, **(b)** Sar Muallim. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** **(a)** Sindku tal-Belt ta' Kunduz **(b)** Aġent Gvernatur tal-Provinċja ta' Kunduz (l-Afganistan) taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: 1954. **Post tat-twelid:** Villaġġ ta' Malaghi, Distrett ta' Kunduz, Provinċja ta' Kunduz, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. Informazzjoni oħra: Allegatament miet fid-9 ta' Novembru 2008. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

5. **Abdulhai Salek**

   **Titlu:** Maulavi Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Gvernatur tal-Provinċja ta' Uruzgan taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid:** Villaġġ ta' Awlyatak, Żona ta' Gardan Masjid, Distrett ta' Chaki Wardak, Provinċja ta' Maidan Wardak, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Allegatament miet fit-Tramuntana tal-Afganistan fl-1999, **(b)** Kien jappartjeni għat-tribù Wardak. Data tan-nomina min-NU: 23.2.2001.

6. **Abdul Latif Mansur** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Abdul Latif Mansoor **(b)** Wali Mohammad)

   **Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Ministru tal-Agrikoltura taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1968. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Garda Saray, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Membru tax-Shura tat-Taliban f'Miram Shah minn Mejju 2007, (b) Membru tal-Qorti Suprema tat-Taliban u Kap

tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill fl-2009, (c) Kmandant tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan mill-2010, (d) Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Nangarhar, l-Afghanistan minn tard fl-2009, (e) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (f) Jappartjeni għat-tribù Sahak (Ghilzai). **Data tan-nomina min-NU:** 31.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Abdul Latif Mansur kien membru tal-"Kunsill Miram Shah" tat-Taliban f'Mejju 2007. Huwa kien ix-shadow governor tat-Taliban tal-provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, fl-2009 u l-Kap tal-kummissjoni politika tat-Taliban min-nofs l-2009. F'Mejju 2010, Abdul Latif Mansur kien kmandant anzjan tat-Taliban fil-Lvant tal-Afganistan.

7. **Allah Dad Tayeb Wali Muhammad** (magħruf ukoll bħala **(a)** Allah Dad Tayyab, **(b)** Allah Dad Tabeeb).

**Titlu:** (a) Mullah, (b) Haji. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru taħt Komunikazzjoni tar-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1963. **Post tat-twelid:** (a) Distrett ta' Ghorak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Distrett ta' Nesh, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** Jappartjeni għat-tribù Popalzai. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

8. **Zabihullah Hamidi** (magħruf ukoll bħala Taj Mir)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Viċi Ministru tal-Edukazzjoni Gholja taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid**: 1958-1959. **Post tat-twelid:** Ir-raħal ta' Payeen Bagh, Distrett ta' Kahmard, Provinċja ta' Bamyan, l-Afganistan. **Indirizz:** Iż-żona ta' Dashti Shor, Mazari Sharif, Provinċja ta' Balkh, l-Afganistan Ċittadinanza: Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

9. **Mohammad Yaqoub**.

**Titlu:** Maulavi. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Kap tal-Aġenzija tal-Informazzjoni Bakhtar (BIA) taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid**: Bejn wieħed u ieħor 1975. **Post tat-twelid: (a)** Distrett ta' Shahjoi, Provinċja ta' Zabul, l-Afganistan **(b)** Distrett ta' Janda, Provinċja ta' Ghazni, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Membru tal-Kummissjoni Kulturali tat-Taliban, (b) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (c) Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Mill-2009, Mohammad Yaqoub kien membru prinċipali tat-Taliban fid-distrett ta' Yousef Khel fil-provinċja ta' Paktika.

10. **Mohammad Shafiq Ahmadi.**

**Titlu:** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċja ta' Samangan taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid**: 1956-1957. **Post tat-twelid**: Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Data tan-nomina min-NU:** 23.2.2001.

11. **Ahmad Jan Akhundzada Shukoor Akhundzada** (magħruf ukoll bħala **(a)** Ahmad Jan Akhunzada **(b)** Ahmad Jan Akhund Zada).

**Titlu: (a)** Maulavi **(b)** Mullah. **Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Gvernatur tal-Provinċji ta' Zabol u Uruzgan taħt ir-reġim tat-Taliban. **Data tat-twelid**: 1966-1967. **Post tat-twelid:** (a) Ir-raħal ta' Lablan, Distrett ta' Dehrawood, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, (b) Distrett ta' Zurmat, Provinċja ta' Paktia, l-Afghanistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Membru tat-Taliban responsabbli għall-Provinċja ta' Uruzgan, l-Afghanistan, fil-bidu tal-2007, (b) Ħaten Mullah Mohammed Omar, (c) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 25.1.2001.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Ahmad Jan Akhunzada Shukoor Akhunzada kien il-membru tat-Taliban inkarigat mill-Provinċja ta' Uruzgan fil-bidu tal-2007.

12. **Khalil Ahmed Haqqani** (magħruf ukoll bħala **(a)** Khalil Al-Rahman Haqqani, **(b)** Khalil ur Rahman Haqqani, **(c)** Khaleel Haqqani).

**Titlu:** Haji. **Indirizz:** (a) Peshawar, il-Pakistan; (b) Qrib Dergey Manday Madrasa fir-Raħal ta' Dergey Manday, qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan, (c) Raħal ta' Kayla qrib Miram Shah, Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan (NWA), Żoni Tribali Amministrati Federalment (FATA), il-Pakistan; (d) Raħal ta' Sarana Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan. **Data tat-twelid:** (a) 1.1.1966, (b) bejn l-1958 u l-1964. **Post tat-twelid**: Raħal ta' Sarana, żona ta' Garda Saray, Distrett ta' Waza Zadran, Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan; **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** (a) Membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan, (b) Qabel kien ivvjaġġa lejn, u ġabar fondi f'Dubai, Emirati Għarab Magħquda, (c) Ħu Jalaluddin Haqqani u ziju ta' Sirajuddin Jallaloudine Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 9.2.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet**:

Khalil Ahmed Haqqani huwa membru anzjan tan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li topera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani, li jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, twaqqaf minn ħu Khalil Haqqani, Jalaluddin Haqqani (TI.H.40.01.), li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90.

Khalil Haqqani jieħu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi f'isem it-Taliban u n-Netwerk ta' Haqqani, u ta' spiss jivvjaġġa barra mill-pajjiż biex jiltaqa' ma' persuni li jagħtu appoġġ finanzjarju. Minn Settembru 2009, Khalil Haqqani vvjaġġa lejn l-istati tal-Golf u ġabar fondi minn sorsi hemmhekk, kif ukoll minn sorsi fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Asja.

Khalil Haqqani jipprovdi wkoll appoġġ lit-Taliban u lin-Netwerk ta' Haqqani li joperaw fl-Afganistan. Minn kmieni fl-2010, Khalil Haqqani pprovda fondi lil ċelloli tat-Taliban fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan. Fl-2009, Khalil Haqqani pprovda u kkontrolla madwar 160 kumbattenti fil-Provinċja ta' Logar, l-Afganistan, u kien wieħed minn diversi persuni responsabbli għad-detenzjoni ta' priġunieri għedewwa maqbuda mit-Taliban u min-Netwerk ta' Haqqani. Khalil Haqqani ħa ordnijiet għal operazzjonijiet tat-Taliban minn Sirajuddin Haqqani, in-neputi tiegħu.

Khalil Haqqani aġixxa wkoll f'isem Al-Qaida u kellu konnessjoni mal-operazzjonijiet militari tagħha. Fl-2002, Khalil Haqqani skjera persunal biex issaħħu elementi ta' Al-Qaida fil-Provinċja ta' Paktia, l-Afganistan.

13. **Badruddin Haqqani** (magħruf ukoll bħala Atiqullah).

**Indirizz:** Miram Shah, il-Pakistan. **Data tat-twelid:** bejn wieħed u ieħor 1975- 1979. **Post tat-twelid**: Miram-shah, Tramuntana tal-Waziristan, il-Pakistan. **Informazzjoni oħra:** (a) kmandant tal-operazzjonijiet tan-Netwerk ta' Haqqani u membru tax-shura tat-Taliban f'Miram Shah, (b) għen fit-tmexxija ta' attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan, (c) iben Jalaluddin Haqqani, ħu Sirajuddin Jallaloudine Haqqani u Nasiruddin Haqqani, in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani. **Data tan-nomina min-NU:** 11.5.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Badruddin Haqqani huwa l-kmandant tal-operazzjonijiet għan-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. In-Netwerk ta' Haqqani jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar tal-fundatur tiegħu Jalaluddin Haqqani, li ngħaqad mar-reġim tat-Taliban ta' Mullah Mohammed Omar f'nofs is-snin 90. Badruddin huwa iben Jalaluddin u ħu Nasiruddin Haqqani u Sirajuddin Haqqani, kif ukoll in-neputi ta' Khalil Ahmed Haqqani.

Badruddin jgħin fit-tmexxija tar-ribelli assoċjati mat-Taliban u l-ġellieda barranin fl-attakki kontra miri fix-Xlokk tal-Afganistan. Badruddin ipoġġi fuq ix-shura tat-Taliban f'Miram Shah, li għandha awtorità fuq l-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

Huwa maħsub ukoll li Badruddin huwa responsabbli għall-ħtif ta' nies għan-Netwerk ta' Haqqani. Huwa kien responsabbli għall-ħtif ta' bosta Afgani u ċittadini barranin fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

14. **Malik Noorzai** (magħruf ukoll bħala: **(a)** Hajji Malik Noorzai, **(b)** Hajji Malak Noorzai, **(c)** Haji Malek Noorzai, **(d)** Haji Maluk, **(e)** Haji Aminullah).

**Titlu**: Haji. **Indirizz**: **(a)** Triq Boghra, ir-Raħal ta' Miralzei, Chaman, il-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, **(b)** Kalay Rangin, Distrett ta' Spin Boldak, il-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tat-Twelid**: **(a)** 1957, **(b)** 1960. **Post tat-twelid**: belt ta' Chaman fuq il-fruntiera, il-Pakistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Informazzjoni oħra**: **(a)** Finanzier Taliban. **(b)** Għandu negozji fil-Ġappun u jivvjaġġa spiss lejn id-Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Ġappun. **(c)** Mill-2009, iffaċilita l-attivitajiet Talibani, inkluż permezz tar-reklutaġġ u l-forniment ta' appoġġ loġistiku. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(e)** Jappartjeni għat-tribù Noorzai. **(f)** Ħu Faizullah Khan Noorzai. Data tan-nomina min-NU: 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Malik Noorzai huwa negozjant ibbażat fil-Pakistan li pprovda appoġġ finanzjarju lit-Taliban. Malik u ħuh, Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan, investew miljuni ta' dollari f'diversi negozji għat-Taliban. Tard f-2008, ir-rappreżentanti tat-Taliban ikkuntattjaw lil Malik bħala negozjant li miegħu jinvestu fondi Talibani. Sa mill-inqas l-2005, Malik ikkontribwixxa personalment ukoll għexieren ta' eluf ta' dollari u qassam mijiet ta' eluf ta' dollari lit-Taliban, li uħud minnhom inġabru minn donaturi fir-reġjun tal-Golf u l-Pakistan u uħud minnhom kienu l-flus ta' Malik stess. Malik kien responsabbli għal kont hawala fil-Pakistan li rċieva għexieren ta' eluf ta' dollari trasferiti mill-Golf kull ftit xhur biex jiġu appoġġati l-attivitajiet Talibani. Malik iffaċilita wkoll attivitajiet Talibani. Mill-2009, Malik kien serva bħala l-kap gwardjan ta' madrassa (skola reliġjuża), għal 16-il sena fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, li ntużat mit-Taliban għall-indottrinazzjoni u t-taħriġ ta' rekluti. Fost

affarijiet oħra, Malik ta l-fondi li appoġġaw il-madrassa. Malik, flimkien ma' ħuh, kellu rwol fil-ħżin ta' vetturi li jintużaw fl-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani u għen biex imexxi ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-l-Afganistan. Malik għandu negozji fil-Ġappun u ta' spiss iżur id-Dubai u l-Ġappun għan-negozju. Sa mill-bidu tal-2005, Malik kellu negozju tal-importazzjoni tal-vetturi fl-l-Afganistan li importa vetturi minn Dubai u l-Ġappun. Huwa importa karozzi, parts tal-karozzi u ħwejjeġ minn Dubai u l-Ġappun għan-negozji tiegħu, li fihom investew żewġ kmandanti Talibani. F'nofs l-2010, Malik u ħuh assiguraw ir-rilaxx ta' mijiet ta' kontejners tal-merkanzija, irrappurtati li jiswew miljuni ta' dollari, li l-awtoritajiet Pakistani ssekwestraw iktar kmieni dik is-sena għax kienu tal-fehma li r-riċevituri kellhom konnessjoni mat-terroriżmu.

15. **Faizullah Khan Noorzai** (magħruf ukoll bħala: **(a)** Hajji Faizullah Khan Noorzai, **(b)** Haji Faizuulah Khan Norezai, **(c)** Haji Faizullah Khan, **(d)** Haji Fiazullah, **(e)** Haji Faizullah Noori, **(f)** Haji Faizullah Noor, **(g)** Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan **(h)** Haji Pazullah Noorzai, **(i)** Haji Mullah Faizullah).

**Titlu**: Haji. **Indirizz: (a)** Triq Boghra, ir-Raħal ta' Miralzei, Chaman, il-Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan, **(b)** Kalay Rangin, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Data tat-twelid**: **(a)** 1962, **(b)** 1961, **(c)** bejn 1968 u 1970, **(d)** 1962. **Post tat-twelid**: **(a)** Lowy Kariz, Distrett ta' Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, **(b)** Kadanay, Distrett ta' Spin Boldak Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (c) Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Informazzjoni oħra**: **(a)** Finanzier prominenti Taliban. **(b)** Minn nofs l2009, ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku lill-ġellieda Talibani; ġabar fondi għat-Taliban, u pprovda taħriġ għalihom, fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan. (c) Qabel organizza u ffinanzja operazzjonijiet Talibani fil-Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. (d) Mill-2010, ivvjaġġa lejn u kellu negozji f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, u l-Ġappun. (e) Jappartjeni għat-tribù Noorzai, is-sottotribù Miralzai. **(f)** Ħu Malik Noorzai. **(g)** Isem il-missier huwa Akhtar Mohammed (magħruf bħala: Haji Mira Khan). **Data tan-nomina min-NU**: 04.10.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Faizullah Noorzai Akhtar Mohammed Mira Khan serva bħala finanzier prominenti Taliban li miegħu investew fondi l-mexxejja kbar Talibani. Huwa ġabar aktar minn USD 100 000 għat-Taliban mid-donaturi fil-Golf u fl-2009 ta somma mill-flus tiegħu stess. Huwa appoġġa finanzjarjament ukoll lill-kmandant Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar u pprovda fondi biex jgħin fit-taħriġ tal-ġellieda Talibani u tal-Al-Qaida li kellhom imexxu l-attakki kontra l-Koalizzjoni u l-forzi militari Afgani. Minn nofs l-2005, Faizullah organizza u ffinanzja operazzjonijiet tat-Taliban fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-Afganistan. Minbarra l-appoġġ finanzjarju tiegħu, Faizullah iffaċilita b'mod ieħor it-taħriġ u l-operazzjonijiet Talibani. Min-nofs l-2009, Faizullah ipprovda armi, munizzjon, splussivi u tagħmir mediku għall-ġellieda Talibani min-Nofsinhar tal-Afganistan. Minn nofs l-2008, Faizullah kien responsabbli għall-akkomodazzjoni ta' qattiela suwiċidi bil-bombi Talibani u li jittrasferihom mill-Pakistan għall-Afganistan. Faizullah ipprovda wkoll missili kontra inġenji tal-ajru għat-Taliban, għen biex imexxi lill-ġellieda Talibani madwar Provinċja ta' Helmand, fl-Afganistan, iffaċilita l-operazzjonijiet suwiċida bil-bombi Talibani, u ta radji u vetturi lill-membri Talibani fil-Pakistan.

Min-nofs l-2009, Faizullah mexxa madrassa (skola reliġjuża) fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan/Pakistan, fejn inġabru għexieren ta' eluf ta' dollari għat-Taliban. L-artijiet tal-madrassa ta' Faizullah intużaw biex jipprovdu taħriġ għall-ġellieda tat-Taliban fil-bini u l-użu ta' apparat splussiv improvizzat (IEDs). Tard fl-2007, il-madrassa ta' Faizullah serviet biex tharreġ lill-ġellieda tal-Al-Qaida li iktar tard intbagħtu fil-Provinċja ta' Kandahar, fl-l-Afganistan.

Fl-2010, Faizullah kellu uffiċini u possibbilment proprjetajiet, inklużi lukandi, f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda. Faizullah ivvjaġġa regolarment lejn id-Dubai u l-Ġappun ma' ħuh, Malik Noorzai, biex jimporta karozzi, partijiet tal-karozzi, u ħwejjeġ. Mill-bidu tal-2006, Faizullah kellu negozji fid-Dubai u fil-Ġappun.